# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 6 ta' Diċembru 2022**

**Att t'akkuża numru 4/2022 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Carl CARUANA**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Carl CARUANA** ta' ħamsa u għoxrin sena iben Claudio u Anabel (Anna) nee' Bugeja li twieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Diċembru 1996 u li joqgħod 16, Starfish Flat 2, Triq l-Irmiġġ Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 526896M li ġie akkużat talli:

| |
|---|
| L-EWWEL (1) KAP<br><br>***Tentattiv ta' Omiċidju Volontarju*** |

**<u>Il-fatti</u>**:

ILLI l-akkużat **Carl CARUANA** u Christian Muscat, li ilhom jafu lil xulxin minn meta kienu żgħar, bdew jilletikaw permezz ta' diskussjoni li kellhom

fuq *Facebook Messenger* fejn it-tnejn li huma ftehmu biex jiltaqqghu. **Carl CARUANA** u Christian Muscat iltaqgħu ġewwa Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am). Christian Muscat kien qiegħed bil-vettura tiegħu tal-għamla Toyota Starlet u **Carl CARUANA** kien qiegħed bil-vettura tiegħu tal-għamla BMW ta' lewn griż. Flimkien ma' l-istess **CARUANA** kien hemm Jurgen Fenech bħala passiġier. Kif iltaqgħu fuq il-post, l-argument bejn Christian Muscat u **Carl CARUANA** iggrava flok issolva, tant li spiċċa biex ġew sparati ħames (5) tiri fid-direzzjoni ta' Christian Muscat minn **Carl CARUANA;**

ILLI wara li **Carl CARUANA** u Christian Muscat waslu fil-post fuq msemmi bil-vetturi rispettivi tagħhom, **CARUANA** indika lil Muscat sabiex javviċinahom. Christian Muscat dawwar il-vettura tiegħu u saq wara l-vettura ta' **Carl CARUANA**. Christian Muscat niżel minn ġol-karozza u mar mat-tieqa tal-passiġier, u għalhekk man-naħa ta' fejn kien qiegħed Jurgen Fenech u mhux fejn kien qiegħed l-akkużat. Madankollu, huwa indirizza lill-akkużat **Carl CARUANA** u qallu sabiex jaqtawa u ma' jibqgħux ikkabru l-affarijiet ta' bejniethom;

ILLI dak il-ħin **Carl CARUANA** irriversja l-karozza, saq il-quddiem u dawwar madwar sitt (6) metri l'bogħod minn Christian Muscat, għalhekk huwa ippożizzjona l-karozza tiegħu b'tali mod sabiex din ġiet tħares direttament fid-direzzjoni ta' l-istess Muscat, li kif ntqal, kien barra mill-vettura tiegħu;

ILLI dak il-ħin Christian Muscat, ħaseb illi **Carl CARUANA** kien ser isuq fuqu u għalhekk daħal ġo l-eqreb parapett ta' dar residenzjali, ġabar ġebla minn mal-art u reġa' ħareġ ftit il-barra fit-triq. Dak il-ħin **Carl CARUANA** niżżel it-tieqa tan-naħa tiegħu, ħareġ arma tan-nar, immiraha lejn Christian Muscat, u dolożament, bil-ħsieb li joqtol lill-istess Christian Muscat jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perklu ċar, spara xejn anqas minn ħames (5) tiri fid-direzzjoni ta' l-istess Christian Muscat. B'xorti tajba, iżda, Christian Muscat kien pront tbaxxa x'ħin ra l-arma u b'hekk l-ebda wieħed mit-tiri ma laqtu. Għaldaqstant, minkejja li l-akkużat **Carl CARUANA** wera l-ħsieb tiegħu b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt (u cioe', l-

omiċidju volontarju ta’ Christian Muscat), dan id-delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi haġa aċċidentali u independenti mill-volonta’ ta’ l-akkużat **Carl CARUANA**;

ILLI wara li spara t-tiri fid-direzzjoni ta’ Christian Muscat, **Carl CARUANA** ħarab minn fuq il-post, pero’ wara għamel kuntatt bit-telefone mal-Għassa tal-Pulizija ta’ Ħaż-Żabbar fejn indika ruħu bħala l-persuna li kellu x’jaqsam fl-argument ma’ Christian Muscat fejn dan ġie mitlub jirraporta fl-istess Għassa;

ILLI l-Pulizija akkumpanjaw lil Christian Muscat fuq il-post ta’ l-inċident ġewwa Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta) fejn hemm il-Pulizija kienu avviċinati minn ċertu Lion Maritz Jooste u Chloe Gonzalez fejn dawn spjegaw lil Pulizija li kienu xhieda ta’ l-inċident fejn semgħu karozza tgħaqqad it-tyres, raw l-karozza ta’ **Carl CARUANA** tagħmel U-Turn u semgħu l-ħsejjes tat-tiri ħierġin mill-istess karozza ta’ **Carl CARUANA**. Ix-xhieda msemmija ġabru żewg skrataċ mingħajr ma missewhom b’idejhom u tefawhom fil-but tal-ġaketta ta’ Lion Maritz Jooste fejn dawn ġew mgħoddija lill-Pulizija;

ILLI fuq il-post tal-inċident ġew indikati marki ta’ roti ta’ vettura mal-art kif ukoll tlett skrataċċ vojta (bullet cases) mal-art, balla waħda (bullet head) mal-art, diversi marki mal-ħajt li ġew suspettati illi ġew ikkaġunati permezz ta’ sparaturi b’arma tan-nar u żewġ skrataċċ oħra vojta li kienu qedgħin jiġu mizmumgħa mill-Pulizija;

ILLI mill-eżami li sar mill-espert ballistiku PC 1561, l-iskrataċ li nġabru minn Lion Maritz Jooste u Chloe Gonzalez kif ukoll dawk li nstabu mal-art fuq il-post huma kollha tal-kalibru 6.35mm, kollha mmanifatturati mid-ditta Taljana “Gulio Fiocchi”, u kollha ġew sparati mill-istess arma.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

ILLI għalhekk, b’għemilu, l-akkużat **Carl CARUANA** sar ħati ta’ **<u>tentattiv ta’ omiċidju volontraju</u>** fuq il-persuna ta’ Christian Muscat, u cioe’ talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Novembru tas-sena elfejn u dastax (2019) fil-ħinijiet ta’ bejn l-għaxra u nofs ta’ filghodu (10.30am) u l-ħdax u

nofs ta' filgħodu (11.30am), fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), dolożament bil-ħsieb li joqtol lil Christian Muscat jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-atti ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carl CARUANA**, ħati ta' **tentattiv ta' omiċidju volontarju**, u ċioe' talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dastax (2019) fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am), fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna (Christian Muscat) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, **liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.**

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carl CARUANA** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' **priġunerija minn tmien (8) snin sa erbgħin (40) sena ,** skond dak li hemmu jintqal fl-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 211, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

| |
|---|
| IT-TIENI (2) KAP<br><br>***Pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija*** |

**Il-Fatti:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) waqt argument li seħħ bejn l-akkużat **Carl CARUANA** u Christian Muscat ġewwa Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **Carl CARUANA** kellu fil-pusses tiegħu arma tan-nar regolari u munizzjon fejn għamel użu mill-istess arma tan-nar fejn spara ħames (5) tiri tal-kalibru 6.35mm fid-direzzjoni ta' Christian Muscat;

ILLI jirriżulta illi l-akkużat **Carl CARUANA** ma kellux liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulzija sabiex ikollu fil-pusses tiegħu arma tan-nar jew munizzjon.

**Il-Konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilu, **Carl CARUANA** sar ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am), fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **żamm f'xi fond jew kellu fil-pusses tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carl CARUANA,** ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am), fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **żamm f'xi fond jew kellu fil-pusses tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carl CARUANA** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' **priġunerija ta' mhux inqas minn tlett (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin**, skond dak li hemmu jintqal fl-Artikoli 5(1), 51(2), 56 tal-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dak li jintqal fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

IT-TIELET (3) KAP

***Pussess ta' arma tan-nar waqt l-kommisjoni ta' xi reat***

**Il-Fatti:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel żewġ (2) Kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) waqt argument li seħħ bejn l-akkużat **Carl CARUANA** u Christian Muscat ġewwa Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **Carl CARUANA** kellu fil-pusses tiegħu arma tan-nar regolari mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-fatt, **Carl CARUANA** dolożament, bil-ħsieb li joqtol Christian Muscat jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Muscat f'periklu ċar, ħareġ l-arma tan-nar u spara ħames (5) tiri tal-kalibru 6.35mm fid-direzzjoni ta' Christian Muscat. Dan id-delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-akkużat **Carl CARUANA**.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, **Carl CARUANA** sar ħati talli nhar id-29 ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna** (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfornt ta' Christian Muscat), **kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew**

**<u>munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dana mingħajr skop leġittimu.</u>**
**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbklika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-atti ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carl CARUANA** ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u dastax (2019) fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am), fi Triq il-Qaliet ġewwa Marsaskala (Malta), **<u>filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna</u>** (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfornt ta' Christian Muscat), **<u>kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dana mingħajr skop leġittimu.</u>**

**<u>Il-Piena mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carl CARUANA** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' **<u>priġunerija għal mhux iżjed minn erba' (4) snin</u>** skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 55(a) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll dak li jintqal fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat CARUANA nhar it-28 ta' April 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

**<u>Lista ta' Xhieda</u>**

a. Xhieda li jiġu dikjarati inammissibli, dawk ix-xhieda kollha indikati mill-Prosekuzzjoni għall-kontro-eżami, u f'każ li ma jiġux nġunti sabiex jiġu prodotti mill-akkużat għall-eżami tagħhom.

**<u>Lista ta' Eċċezzjonijiet</u>**

**Rapport tal-espert maħtur Dottor Martha Mifsud, fl-inkjesta maġisterjali, mil-Maġistrat Dottor Victor G. Axiaq, liema rapport huwa datat**

i. Illi k-Avukat Dottor Martha Mifsud LL.D. kienet ġiet appuntata bħala perit (espert) fl-inkjesta, liema preżenatat r-relazzjoni tagħha fl-atti proċesswali a fol. 129;

ii. Illi skont dak provdut a fol. 136, l-Maġistrat Inkwerenti, ddegrata li kien qiegħed jappunta lil Avv. Martha Mifsud sabiex "bl-esperjenza legali tagħha tiġbor u tippreserva l-provi u tistabbilixxi tramite l-espertise tagħha fil-liġi in-natura tar-reat u jekk hemm malvivent li jista' jiġi identifikat";

iii. Illi hekk kif ġie rimarkat mil-Maġistrat Dottor Donatella Frendo Dimech, a tenur tal-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali, tali espert qatt ma kellu jkun nominat, pero' l-esponenti jmur oltre' u ma jaqbilx totalment mal-Maġistrat Frendo Dimech, u cioe' li tali kwistjoni ma hijiex solvuta, jew ossia sorvolata max-xhieda viva voce tax-xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, stante li ir-rapport redatt mil-espert jikkontjeni aktar min sempliċi ġbir ta' xhieda u kwindi l-esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ir-rapport a fol. 219 Sa fol. 262 għandu jkun sfilzat, kif ukoll għandha tkun kanċellata kull indikazzjoni u jew menzjonament mil-atti għal tali rapport u nomina;

iv. Illi din l-eċċezzjoni qegħda tinġieb a bażi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali;

**Nuqqas ta' Software u/jew Hardware sabiex il-filmati eżebiti jkunu ikkonvertiti jew ottimizzati bl-aħjar format.**

v. Illi skont ix-xhieda a fol. 522 tal-atti proċeswali l-espert maħtur s-Sur Keith Cutajar iddikjara li, in sintesi, kien hemm problema sabiex il-filmati miġbura jkun konvertiti fil-format rikjest, in vista' tal-harware disponibbli;

vi. Illi jekk tali problema tippersisti dan ser jkun ifisser li l-aħjar prova mhux ser tkun inġabet;

vii. Illi umilment qiegħed jiġi sottomess li tali materja ma għandiex tkun għal kunsiderazzjoni tal-ġurati stante li probabbilment tinħoloq konfużjoni dwar l-livell probatorju tal-istills, u b'hekk l-akkużat jkun definittivament preġudikat bl-applikazzjoni errata tal-liġi, u kwindi jekk il-problema tippersisti kull filmat, u aktar essenzjali, kull still maħruġ min tali għandu jkun sfilżat;

viii. Illi din l-eċċezzjoni qegħda tinġieb a bażi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali;

**Nuqqas tal-preżenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni**

ix. Illi mit-traskrizzjoni a fol. 144, liema hija traskrizzjoni tal-istqarrija meħuda mil-ispettur Eman Hayman lil akkużat, jidher ċar li filwaqt li l-akkużat ingħata dritt li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni, kif filfatt ġara u kellem lil Prokuratur Legali Peter Paul Zammit, l-akkużat

ma ingħatax id-dritt li jkollu l-legal di fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni, in kuntrast ma Jurgen Fenech;

x. Illi dan huwa in vjolazzjoni għal dak li jipprovdi l-kodiċi kriminali u kwindi tali stqarrija għandha tkun sfilzata mil-atti proċesswali;

xi. Illi din l-eċċezzjoni qegħda tinġieb a bażi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari: Rapport tal-espert maħtur Dottor Martha Mifsud, fl-Inkjesta Maġisterjali, mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq.**

4. Illi CARUANA qiegħed jippretendi li r-rapport redatt mill-esperta Dr. Martha Mifsud hekk kif maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Victor Axiaq, ikun sfilzat mill-atti kumpilatorji u wkoll li għandha tiġi kkanċellata kull referenza għall-istess wara li jikkontendi li tali ħatra qatt ma kellha ssir in bażi għal dak li jipprovdi l-Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali. Jisħaq ukoll li ma jaqbilx mal-Maġistrat Inkwirenti li kienet irrilevat li għad li Dr. Martha Mifsud ma setgħetx tiġi nnominata skont il-Liġi, din il-kwistjoni kienet issorvolata għaliex ix-xhieda li semgħet l-esperta nominata nstemgħu wkoll viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi.

5. A fol 136, fil-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dottor Victor Axiaq, tirriżulta n-nomina tal-esperta Dr. Martha Mifsud kienet taqra bis-segwenti mod:

> Inoltre peress li l-Maġistrat Inkwirenti jinsab okkupat ħafna fuq xogħol ta' natura urġenti stante li l-inkjesta hija ukoll ta' natura urġenti, bil-għan li l-provi jiġu preservati, il-Maġistrat Inkwirenti qed jinnomina ukoll lil Dr. Martha Mifsud LL.D. sabiex bl-esperjenza legali tagħha tiġbor u tippreserva l-provi

u tistabbilixxi tramite l-expertise tagħha fil-liġi n-natura tar-reat u jekk hemm malvivent li jista' jiġi identifikat.

6. Illi r-relazzjoni ta' Dr. Martha Mifsud LL.D. ġiet esebita f'foljo 222 tal-atti proċesswali fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Ġunju 2020 u minnha jirriżulta li b'rabta mal-inkarigu mogħti lilha mill-Maġistrat Inkwirenti, hija eżegwiet is-segwenti mansjonijiet:

    i) Aċċediet fuq il-post fejn twettaq ir-reat u għamlet il-kostatazzjonijiet kollha li kien meħtieġ b'konnessjoni ma' dan ir-reat;
    ii) Semgħet ix-xhieda b'ġurament;
    iii) Irrelatat dwar dak kollu li rriżultalha mill-aċċess miżmum u mix-xhieda minnha miġbura.

7. L-Artikolu 547(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-aċċess għandu jsir minn Maġistrat. Normalment ikun dak il-Maġistrati li jkun qiegħed jikkonduċi l-*in genere*. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija li f'każ ta' serq li ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-kwalifika tal-vjolenza

> il-Maġistrat jista' minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom.

8. F'dan il-każ, ma jirriżultax li l-aċċess sar mill-Maġistrat li kien qiegħed jikkonduċi l-inkjesta dwar l-in genere. Biss skont il-ġurisprudenza dan in-nuqqas ma jrendix il-proċess verbal u l-kontenut tiegħu inammissibbli jew sfilzabbli. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Mifsud** deċiż fit-23 ta' Settembru 2021 intqal hekk:

> Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jaghmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access. Nonostante dan in-nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'fruit of the forbidden tree' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli.
>
> Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet 'DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO'11 dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:

Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala "fruits of the poisoned tree". Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu). Madanakollu, jigi sottolinejat, illi tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi talmassima "ubi lex voluit, lex dixit".12 Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghallprincipji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi. Ghalhekk, wiehed idur biex jara kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, "The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies. This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it. The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law. Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' J. D. HEYDON intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...".

Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Ilqrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir- rigward, it-Tribunal jaghmel referenza

ghassenjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid- decizjoni in re **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** (Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000):

« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti talqrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal- "common law" Ingliza in materja (ara f'dan is-sens IlPulizija v. Grezzju Spiteri, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll P. v. Josephine Bonello, App. Krim. 16/10/42 u s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), irregola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203)

« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht illigi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l- 'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli.

« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz R. v. Khan (Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occupiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).

« Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna ... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità talpulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. »

In kongunta ma' dak appena osservat, fid-decizjoni in re **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** inghad illi,

"Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull document (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak iddokument (jew dik il-prova) inammissibbli." Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.'

9. Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-każwa **The Republic of Malta vs. Tiberiu -Mihail Miculescu** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-29 ta' Settembru 2022, fejn ġie deċiż hekk:

In Malta, we do not adhere to the doctrine of the fruits of a poisoned tree which stipulates that if evidence is acquired illicitly, this will render illegal anything emanating from such illicitly obtained evidence. At this point, it is irrelevant whether the Inquiring Magistrate fails to accede to the crime scene or not, even if she was legally obliged to do so. Notwithstanding such failure, the proces-verbal is still deemed to be admissible evidence. Therefore, for these reasons, this Court is rejecting the second (2nd) preliminary plea brought forward by the accused.

10. Għaldaqstant, in-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti li jaċċedi fuq ix-xena tar-reat dakinhar tad-29 ta' Novembru 2019 ma jrendix il-

proċess verbal inammissibbli u dan allavolja l-Maġistrat Inkwirenti – salv dawk l-eċċezzjonijiet li tikkontempla l-Liġi kif intqal – għandu obbligu sanċit bil-Liġi li jagħmel l-aċċess huwa stess ai termini tal-Artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali.

11. Kwistjoni iżjed spinuża hija dik relattiva għall-ħatra tal-Avukat Dottor Martha Mifsud imsemmija iżjed il-fuq. Dwar dan, l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> (1) Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal:
>
> Iżda l-maġistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xiehda tagħhom bil-miktub u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 650(5) u tal-artikolu 653(3) għandhom japplikaw mutatis mutandis:
>
> Iżda wkoll, l-"ingenere" għandu jiġi eżaminat biss minnpersuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa:
>
> Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar.

12. Minn qari akkurat tal-Liġi kwindi jirriżulta kif il-Maġistrat Inkwirenti għandu s-setgħa li jaħtar sabiex jassistuh fl-inkjesta dawk l-esperti li hu jikkunsidra meħtieġa skont il-każ li jkun u filwaqt li jagħtihom dawk id-direzzjonijiet li jqis opportuni, jista' wkoll jiddelega lilhom bil-fakulta' li jisimgħu x-xhieda u jirċievu dokumenti taħt ġurament u dan in konnessjoni mar-reat li jkun ġie hekk iddenunċjat mill-Ispettur ai termini tal-Artikoli 540 u 546 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero, permezz ta' Att XXIV tas-sena 2014, it-tielet proviso tal-Artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat biex b'hekk din is-setgħa ta' delegazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti ma baqgħetx wiesgħa in kwantu f'każ fejn ir-reat iddenunċjat **<u>ikun wieħed li jġorr piena massima ta' seba' snin priġunerija jew aktar</u>**, il-Maġistrat Inkwirenti ma jistax jaħtar espert **<u>biss</u>** sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xhieda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

13. F'dan il-każ, ud-Difiża ssostni li Dr. Martha Mifsud ġiet nominata preċiżament sabiex twettaq dawk il-mansjonijiet li l-Liġi stess ma tippermettix li jsiru f'każijiet fejn ir-reat in meritu jeżorbita l-

piena ta' seba' snin priġunerija jew iżjed. Huwa minnu li l-mansjoni mogħtija lil Dr. Mifsud ma kienetx biss li tisma' xhieda bil-ġurament u tistabbilixxi l-fatti rilevanti in kwantu ġiet maħtura sabiex "sabiex bl-esperjenza legali tagħha tiġbor u tippreserva l-provi u tistabbilixxi tramite l-expertise tagħha fil-liġi n-natura tar-reat u jekk hemm malvivent li jista' jiġi identifikat". Iżda fil-verita, dawn huma mansjonijiet li l-Liġi stess trid li f'dawk il-każijiet ta' reati ipotizzati li jġorru piena ta' seba' snin jew iżjed ma jiġux delegati lil ħaddieħor mill-Maġistrat Inkwirenti. Fil-fatt Dr. Mifsud għamlet konstatazzjonijiet ta' fatt u ta dritt li huma riżervati għall-Maġistrat Inkwirenti b'disposizzjoni espressa tal-Liġi. Iżda anke hekk il-Liġi ġiet mibdula fl-2014, il-Leġislatur ma semma xejn dwar x'konsegwenzi jista' jkun hemm fil-każ li Maġistrat ma jimxix kelma b'kelma ma dak li jipprovdi l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali.

14. Fil-fatt, konsiderazzjoni simili kienet saret fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Saliba** deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri). F'dak il-każ, il-Liġi kienet għadha mhix emendata u t-tielet proviso tal-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi li

> Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

15. Dak il-każ ukoll kien jitratta allegazzjonijiet ta' tentattiv ta' omiċidju volontarja bl-użu ta' arma tan-nar. F'dak il-każ ġara li l-Avukat Dottor Stefano Filletti kien ġie maħtur bħala espert tekniku matul il-kors tal-in genere. Intqal hekk:

> 20. Issa, mill-proċess verbal jirriżulta illi fid-digriet tannomina ta' l-esperti il-Maġistrat Inkwirenti nnomina lillAvukat Dottor Stefano Filletti "bħala espert legali biex jieħu x-xiehda neċessarji u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ". Jiġifieri L-Avukat Filletti ġie nominat preċiżament biex jagħmel dak li l-liġi stess tgħid li m'għandux isir. B'danakollu il-liġi ma kkominat ebda nullita` marbuta man-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti. Ma hemm xejn x'jeskludi li l-Avukat Filletti jiġi prodott bħala xhud ordinarju sabiex jixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li huwa għamel meta aċċeda fuq il-post ta' linċident u biex jikkonferma l-korrettezza taddikjarazzjonijet li sarulu u li ġew riportati minnu, naturalment safejn dan ikun meħtieġ. Għalhekk ma hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta' kontroll, ġaladarba x-xhieda kollha minnu mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni u sejrin jiġu prodotti sabiex jixhdu viva voce waqt il-ġuri. Kwindi, u salv dak li jipprovdi l-

ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal Kodiċi Kriminali,[1] ir-relazzjoni ta' l-Avukat Filletti għandha tibqa' parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati. Difatti xiehda preċedenti tinqara u titqassam f'każ li fl-okkażjoni li jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, "ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab".

16. F'dan il-każ in disamina, il-Leġislatur kien laħaq emenda l-Liġi b'mod li preskriva fejn Maġistrat Inkwirenti setgħa jiddelega l-poter li Maġistrat Inkwirenti setgħa jiddelega lil espert tekniku l-possibilita li jisma' xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti. Illum allura ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar. A contario sensu allura f'dawk il-każijiet fejn ir-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bil-piena massima ta' anqas minn seba' snin priġunerija huwa possibbli li Maġistrat jaħtar tali espert biex jisma' x-xiehda bil-ġurament, jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

17. Iżda għalkemm ix-xenarju legali huwa differenti minn dak li kien applikabbli għall-każ **Saliba** fejn id-divjet tan-nomina kienet waħda ta' natura ġenerika, filwaqt li issa hija ta' natura speċifika, simili għas-sitwazzjoni legali fi żmien is-sentenza **Saliba** minkejja tali emenda fl-2014, il-Leġislatur naqas milli jsemmi x'konsegwenzi jikkonsegwu fil-każ fejn Maġistrat imur kontra l-kelma espliċita tal-Liġi u jaħtar espert biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar.

18. Isegwi għalhekk li r-raġunament superjuri tal-Qorti tal-Appell kolleġjalment komposta għadu jagħmel stat interpretattiv b'saħtu in kwantu fin-nuqqas ta' tali konsegwenza legalment komminabbli b'disposizzjoni espressa tal-Liġi, l-effetti ta' dik is-sentenza jippervadu wkoll it-territorju ta' dan il-każ.

---

[1] (2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jewakkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminatvivavoce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista'tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikunbarra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena utinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.

**Għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni sejra tiġi milqugħa parzjalment fis-sens ta' dak imsemmi fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Saliba deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) aktar il-fuq riportata fis-sens li ma hemm xejn x'jeskludi li l-Avukat Martha Mifsud tiġi prodotta bħala xhud ordinarju sabiex tixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li hija għamlet meta aċċediet fuq il-post tal-inċident u biex tikkonferma l-korrettezza tad-dikjarazzjonijet li sarulha u li ġew riportati minnha, naturalment safejn dan ikun meħtieġ. Għalhekk ma hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta' kontroll, ġaladarba x-xhieda kollha minnha mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni u sejrin jiġu prodotti sabiex jixhdu viva voce waqt il-ġuri. Kwindi, u salv dak li jipprovdi l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal Kodiċi Kriminali,[2] ir-relazzjoni ta' l-Avukat Martha Mifsud għandha tibqa' parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati. Difatti xiehda preċedenti tinqara u titqassam f'każ li fl-okkażjoni li jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, "ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab".**

**Ikkunsidrat**

**It-tieni eċċezzjoni preliminari: nuqqas ta' software u/jew hardware sabiex il-filmati eżebiti jkunu kkonvertiti jew ottimizzati bl-aħjar format.**

19. Illi fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Frar 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, xehed l-espert maħtur minn dik il-Qorti, Keith Cutajar fejn huwa xehed b'rabta mal-inkarigu mogħti lilu nhar l-10 ta' Diċembru 2019 li kien jikkonsisti fl-estrazzjoni ta' dik l-informazzjoni li tinsab fuq 'Facebook' u 'Messenger' mill-profili fuq 'Facebook' tal-vittma kif ukoll minn dak tal-akkużat CARUANA. Huwa jixhed kif permezz tar-rapport tiegħu huwa kien

[2] Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jewakkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminatvivavoce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista'tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikunbarra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena utinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.

qiegħed jippreżenta dik id-data li huwa ħareġ kif intqal mill-perjodu tal-20 ta' Novembru 2019 sad-data tal-5 ta' Diċembru 2019. L-espert Keith Cutajar xehed kif flimkien ma' kopja tar-rapport tiegħu huwa kien qiegħed jesebixxi USB stick bid-data kif ukoll kopja stampata tac-'chats' kollha li huwa seta' joħroġ mis-sistema 'Facebook'. L-espert kien innominat ukoll mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Victor Axiaq sabiex jagħmel analiżi tac-CCTV cameras u joħroġ numru ta' stills minn dawn l-istess filmati liema rapport huwa ppreżenta fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Lulju 2020 bħala Dok KC. Din il-Qorti tifhem li din it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-akkużat hija marbuta preċiżament ma' dawn il-filmati mmarkati bħala Dok KC.

20. Illi meta mbagħad ġie riprodott fis-seduta ta' nhar l-1 ta' Diċembru 2021, ix-xhud Keith Cutajar xehed kif hawnhekk non si tratta ta' 'hardware' mhux funzjonabbli iżda li l-filmati li jidhru fuq id-Dokument immarkat bħala Dok KC kienu salvati f'din id-diska f'format li għandu reżoluzzjoni għolja ħafna u li għalhekk ikun jirrikjedi li biex ikun jista' jinqara, jrid jintuża computer hardware li jkollu speċifikazzjonijiet xi ftit iżjed avvanzati minn oħrajn u jkun jirrikjedi software speċifiku biex ikun jista' jħaddem din id-diska. Dak li jeħtieġ huwa li din id-diska tiġi moqrija fuq computer li jkun teknoloġikament adattat kif ukoll liċenza tas-software li tkun tista' taqra dak it-tip ta' format.

21. Din il-Qorti mhiex sejra tidħol fil-mertu tal-ispejjeż li jikkomporta l-akkwist ta' dan is-'software' għaliex ma tħossx illi jkun opportun jew adegwat illi tikkummenta f'dan is-sens iżda dak li tippretendi huwa li sal-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, dan l-ostakolu jiġi ssorvolat u li l-partijiet ikollhom a dispożizzjoni tagħhom dak kollu li huwa neċessarju għall-aħjar funzjonament ta' dawk il-provi ammissibbli u relevanti għall-każ li jeħtieġu teknoloġija avvanzata sabiex jitħadmu.

22. Ċertament li mhux aċċettabbli li l-ġustizzja tiġi ostakolata minħabba problemi ta' dan it-tip f'dinja teknoloġika li qiegħdin ngħixu fiha u fejn huwa imperattiv li l-Qrati jżommu l-pass ma' dan l-avvanz teknoloġiku fejn hekk ikun jirrikjedi.

23. **Għaldaqstant, din it-tieni eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**It-tielet eċċezzjoni: Nuqqas ta' preżenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni.**

24. Illi jirriżulta li l-akkużat CARUANA irrilaxxja stqarrija mal-Pulizija nhar it-30 ta' Novembru 2019. Jirriżulta wkoll li huwa ingħata d-dritt li jkun jista' jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, tant li CARUANA stqarr li huwa kien kellem lil Prokuratur Legali Peter Paul Zammit.

25. Fiż-żmien meta ingħatat din l-istqarrija, il-Kodiċi Kriminali, kien diġa' ġie emendat permezz ta' Att LI tas-sena 2016 sabiex jinkludi fih id-dritt għall-assistenza legali mhux biss qabel ir-rilaxx ta' stqarrijiet, iżda anki fil-mument li l-persuna suspettata jew akkużata tkun qiegħda tiġi interrogata bħala parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija.

26. L-Artikolu 355AUA(8)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq id-dritt tal-persuna akkużata u suspettata għas-sehem attiv tal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument li huwa jkun qiegħed jirrilaxxa l-istqarrija mal-Pulizija.

27. Minn qari tal-istqarrija li rrilaxxja l-akkużat CARUANA u li t-traskrizzjoni tagħha hija eżebita a fol 145, jirriżulta li f'foljo 147 tal-atti proċesswali l-Ispettur Eman Hayman, bħala l-Uffiċjal tal-Pulizija inkarigat mit-teħid tal-istqarrija u l-akkużat skambjat is-segwenti:

> Spettur Eman Hayman: Okay. Mela, qabel nibdew nistaqsu d-domandi minn naħa tiegħi (recte: teigħi) tikkonferma li inti ngħatajt d-dritt illi tkellem avukat?
> Carl Caruana: Iva.
>
> Spettur Eman Hayman: Ħadt dan id-dritt?
> Carl Caruana: Kellimtu, iva, iva, kellimtu.
> Spettur Eman Hayman: Kellimtu l-avukat. Lil min kellimt please?
> Carl Caruana: Lil bħalissa l-ex Kummissarju, insejt, Peter Paul Zammit.

28. Hawnhekk l-espressjoni użata mill-Ispettur Eman Hayman kienet xi ftit jew wisq ekwivoka. Ma hemmx dubju li tirreferi għad-dritt tas-suspettat li qabel ma jiġi interrogat ikun jista' jikkonsulta privatament ma' legali tal-fiduċja tiegħu, u dan skont kif kienet il-Liġi Maltija wara li nhar l-10 ta' Frar tas-sena 2010 kien ġie mqiegħed fis-seħħ id-dritt tal-persuna suspettata li titkellem ma' avukat tal-fiduċja

tagħha sa massimu ta' siegħa qabel ma tkun sejra tibda l-interrogazzjoni.

29. Iżda mill-istess frażi huwa diffiċli ferm biex il-Qorti tikkonkludi wkoll li dak id-dritt tal-assistenza legali ġie wkoll spjegat u offrut lill-akkużat anke għal waqt il-mument tal-interrogazzjoni. Id-dritt tal-assistenza legali waqt l-għoti ta' stqarrija huwa dak id-dritt li kien daħal fil-Liġi Maltija bis-saħħa tal-LI tas-sena 2016. F'dan il-każ, kif jidher mill-istqarrija, ma jirriżultax li l-akkużat CARUANA kien assistit minn legali tal-fiduċja tiegħu waqt l-interrogatorju; iżda kif spjegat iżjed il-fuq mhux ċar jekk dak id-dritt ġiex ukoll estiż, offrut u spjegat lill-CARUANA li kien applikabbli wkoll għal matul l-għoti tal-istqarrija tiegħu.

30. Ma hemmx lok li fuq din il-kwistjoni jkun hemm dubju. Irid jirriżulta b'mod ċar li l-persuna suspettata mhux biss tkun ġiet offruta l-possibilita li tkun tista' tikkonsulta privatament ma legali tal-fiduċja tagħha qabel ma tirrilaxxja kwalunkwe stqarrija lill-Pulizija, iżda jrid daqstant ieħor jirriżulta b'mod ċar li dak id-dritt t'assistenza legali jkun ġie offrut u spjegat ukoll lis-suspsettat bħala li jkun applikabbli anke waqt l-għoti tal-istqarrija minnu.

31. In-nuqqas ta' għoti ta' tali dritt, ta' tali spjegazzjoni u tali offerta, jġib miegħu konsegwenzi li tirriżulta mill-ġurisprudenza. Stqarrija rrilaxxjata minn persuna suspettata li ma tkunx ingħatat skont il-Liġi, bi ksur tad-dritt tal-assistenza legali sanċit fl-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali titqies li ma tkunx ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali u dan biex jiġi evitat kwalunkwe eventwali ksur ta' jeddijiet tal-bniedem. Fil-kawża deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża nhar is-26 ta' April 2022, ġie mistqarr is-segwenti:

> 11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha.
>
> ..../....
>
> 15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti.

> Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...
>
> ..../....
>
> Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li lappellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;

32. L-istess direzzjoni lil Qorti Kriminali mill-Qorti Kostituzzjonali ngħatat ukoll f'deċiżjonijiet oħra, fosthom **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**,[3] **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat**[4] biex b'hekk din il-Qorti għal darba oħra ttenni li jkun opportun illi l-pożizzjoni illi tittieħed fuq dan il-punt huwa li ma tqisx bħala prova dawk l-istqarrijiet li jkunu rrilaxxjati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju speċjalment f'sitwazzjoni fejn bħal fil-każ in diżamina, dan id-dritt kien viġenti fil-Liġi fil-mument tat-teħid tal-istqarrija lill-akkużat CARUANA.

33. Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-appell kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** deċiż nhar l-4 ta' Mejju 2022 fejn intqal hekk:

> Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq. Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi

[3] Deċiża 14 ta' Lulju 2020
[4] Deċiża 27 ta' Jannar 2021

kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija.

..../....

Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-imputat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

34. **Magħdud dan kollu, din il-Qorti sejra tilqa' din it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat u tordna li l-istqarrija tal-akkużat tiġi skartata.**
**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddeċiedi bil-mod segwenti:**

1. **L-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa parzjalment fis-sens ta' dak imsemmi fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Saliba deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) aktar il-fuq riportata fis-sens li ma hemm xejn x'jeskludi li l-Avukat Martha Mifsud tiġi prodotta bħala xhud ordinarju sabiex tixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li hija għamlet meta aċċediet fuq il-post tal-inċident u biex tikkonferma l-korrettezza tad-dikjarazzjonijet li sarulha u li ġew riportati minnha, naturalment safejn dan ikun meħtieġ; biex b'hekk ma jkun hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta' kontroll, ġaladarba x-xhieda kollha minnha mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni jiġu prodotti sabiex jixhdu viva voce waqt il-ġuri. Kwindi, u salv dak li jipprovdi l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal Kodiċi Kriminali,[5] ir-relazzjoni ta' l-Avukat Martha Mifsud għandha tibqa' parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati b'mod li xiehda**

[5] Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jewakkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminatvivavoce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista'tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikunbarra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena utinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.

preċedenti tinqara u titqassam biss f'każ jekk meta jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, "ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab".

2. It-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

3. It-tielet eċċezzjoni qegħda tiġi milqugħa u b'hekk il-Qorti tordna li l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat tiġi skartata.

Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.

Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.

Aaron M. Bugeja,
Imħallef